**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

**Joseph Cutajar**

**Vs**

**Joseph Buhagiar – Lourdes Service Station**

**CCT 204/21/MM**

**Illum,** 14 ta' Mejju 2024

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2021 fejn talab is-somma ta' tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600), rappreżentanti l-ispejjeż biex issir it-tiswijja ta' magna tal-vettura tal-għamla Korando SsangYong bin-numru ta' reġistrazzjoni CLR 082, wara li allegatament bi żvista da parti tal-intimat ingħata petrol flok diesel b'konsegwenza li l-magna tal-vettura ġarrbet ħsarat konsiderevoli.

Ra r-rispsota tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent jispjega li fil-25 ta' Settembru huwa mar jimla l-fuel mingħand Lourdes Service Station u jgħid li talab li jingħata diesel. Illi ftit tal-ħin wara li ngħara l-fuel, waqt li kien għadu fil-pompa, il-vettura tiegħu waqfet taħdem bil-konsegwenza li huwa kellu jsejjaħ *tow truck*. Illi minn dakinhar, il-vettura ma ħadmitx iktat u sussegwentement kien infurmat kemm minn Enemed u mill-mekkanik tiegħu li l-fuel li ngħata ma kienx diesel iżda petrol. Illi konsegwentement, ir-rikorrenti sofra danni fil-vettura tiegħu.

Illi l-intimat irrisponda billi qal li fil-25 ta' Settembru l-attur verament mar jimla l-fuel mingħandu iżda huwa jiċħad li taħ petrol. Illi fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2023, l-intimat xehed u kkonferma li wara li l-attur saq minn fuq il-post wara li mela l-fuel, huwa waqaf ftit metri l-bogħod u mar bil-mixi lura lejn il-pompa u saqsa lill-*attendant* x'kien tefalu Illi l-intimat jispjega li dak inhar kien is-Sibt u għalhekk il-pompa kienu busy ħafna u għalhekk dak il-ħin ma setax jiċċekjalu. Jgħid iżda li t-Tnejn huwa ċċekja l-filmat tac-CCTV u għamel verifiki mal-Enemed u rriżultalu li huwa kien ta lir-rikorrent diesel u mhux petrol kif qed jallega l-attur.
Illi fis-26 ta' Settembru 2023 xehed l-attur, u esebixxa dokumenti u rċevuti.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-*

*provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

It-Tribunal iqis illi l-verżjoni fornita mill-attur hija aktar kredibbli. Fuq kollox, l-attendant huwa responsabbli biex jiżgura li qed jimla l-karozza bil-fjuwil adattat. Illi fejn it-tip ta' fjuwil ma jkunx indikat qrib il-kappa tal-tank tal-fjuwil, l-attedndant għandu jaċċerta u jiżgura li jkun fehem sewwa x'talbu l-klijent u dan sabiex ma jsirux żbalji. Illi barra minn hekk, m'hemm l-ebda raġuni valida għaliex dan it-Tribunal għandu jiddubita minn dak li qed jgħid l-attur u ma jarax raġuni għaliex l-attur għandu jitlob għall-petrol f'magna diesel, speċjalment meta din kienet il-vettura tiegħu personalment u mhux vettura li kien qed jagħmel użu temporanju minnha bħal vettura tal-kiri jew vettura tax-xogħol. Illi għalhekk huwa aktar verosimili li l-attendant ħa żball bil-fixla tax-xogħol, anki peress li kif xehed l-intimat, nhat ta' Sibt ikunu busy ħafna u kif jidher mir-rapport ossia *log* li ppreżenta huwa stess, l-istess attendant kien qed jaqdi medja ta' klijent kull minuta u nofs.

Għalhekk fuq il-mertu t-Tribunal ser jagħddi biex isib favur ir-rikorrenti.

Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-likwidazzjoni tad-danni, it-Tribunal jinnota li l-attur ppreżenta skritura ossia DoK JC2, datata 23 t'Ottubru 2021 fejn permezz tagħha qiegħad jispjefa li nefaq l-ammont ta' elf u seba mitt ewro (€1,700) sabiex jixtri vettura simili bħal tiegħu sabiex juża l-magna tagħha fil-vettura tiegħu. Illi jippreżenta wkoll Dok JC6, ossia irċevuta ta' disa mitt ewro (€900) u oħra ta' elf u erba mitt ewro (€1,400). Illi t-Tribunal għandu dawn il-kummenti x'jagħddi:

Dok JC2 – Illi l-intimat jidher li flok xtara l-magna li kellu bżonn għażel li jixtri vettura sħiħa, li għalkemm milquta' b'daqqa fuq quddiem, xorta jibqala valur ekonomiku li ser jibqa' għand l-attur sew jekk iżommha għal-użu tiegħu u sew jekk ibiegħa għall-parts. Għalhekk dan it-Tribunal qiegħad jillikwida *arbitro bon viri* s-somma ta' dtmien mija u ħamsin ewro (€850) bħala valur tal-magna.

Dok JC 6 – Illi jidher li l-ammont ta' disa mitt ewro (€900) u ġja inkorporat fl-irċevuta ta' elf u erba mitt ewro (€1,400) stante li għandhom l-istess data u l-istess deskrizzjoni. Għalhekk dan it-Tribunal qiegħad jillikwida s-somma ta' elf u erba mitt ewro (€1,400) biss.

**Deċiżjoni**

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies ic-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' danni *arbitrio boni viri* fis-somma ta' elfejn mitejn u ħamsin ewro (€2,250) u qed jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti din is-somma hekk likwidata fi żmien ġimgħa mil llum.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza kontra l-intimat.

**Avv. Dr Martha Mifsud**
**Arbitru**